

**IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT SPECĠJALI  
TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI:**

**“BIJODIVERSITÀ AGRIKOLA: IL-KONTRIBUZZJONI MILL-PAK MA  
WAQQFITX IT-TNAQQIS”**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-Paragrafi minn I – VII

L-istrateġija għall-bijodiversità adottata mill-Kummissjoni fl-2011 tinkludi 6 miri, fosthom 3 miri dwar il-kontribuzzjoni tal-agrikoltura u l-forestrija. Filwaqt li l-mira tal-agrikoltura hija ġenerali, l-azzjonijiet relatati huma aktar speċifiċi.

Fir-rigward tal-mira għall-agrikoltura, it-titjib tal-bijodiversità jitkejjel permezz ta' miri kwantifikati tat-titjib għall-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-habitats li huma ta' interess għall-UE fil-Mira 1 u r-restawr ta' 15 % tal-ekosistemi degradati fil-Mira 2.

Il-Kummissjoni tqis li l-koordinazzjoni bejn il-politiki tal-UE hija adegwata u tenfasizza li l-kejl tad-diversità ġenetika jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija għall-Bijodiversità kkonkluda li t-fassil tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) huwa adattat għall-oġġettivi tagħha: ir-riforma tal-PAK għall-2014–2020 tipprovdi firxa ta' strumenti li jistgħu jsostnu l-bijodiversità. Sabiex tintlaħaq il-mira, issa hemm bżonn li dawn il-miżuri jiġu adottati mill-Istati Membri fuq skala suffiċjenti. L-eżempji lokali juru prattiki agrikoli sostenibbli li kellhom suċċess. Jekk jiġu implimentati b' mod aktar wiesa', l-UE tista' terġa' tkun fit-triq it-tajba biex tikseb il-mira sa tmien l-2020.

Il-metodoloġija tal-Kummissjoni li tintraċċa l-baġit tal-PAK għall-bijodiversità hija mibnija fuq il-metodoloġija tal-indikaturi ta' Rio maqbula internazzjonalment tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tqisx il-metodoloġija tagħha bħala mhux affidabbli, anki jekk jista' jiġi diskuss l-użu tal-indikaturi ta' Rio.

Fir-rigward tal-istrumenti tal-PAK, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonalità tikkontribwixxi biex jintlaħqu għanijiet ambizzjużi tal-bijodiversità billi torbot xi pagamenti tal-PAK ma' ġabra ta' regoli leġislattivi bażiċi, li jservu bħala l-linja bażi għall-miżuri ta' inċentiva sostnuti bil-fondi tal-PAK.

Il-konsulenza permezz tas-Sistema Konsultattiva għall-Azjendi Agrikoli (Farm Advisory System, FAS) hija element importanti ieħor biex jingħata appoġġ lill-bdiewa fl-applikazzjoni tal-prattiki li jibbenefikaw il-bijodiversità. Permezz tal-pagamenti diretti, l-ekoloġizzazzjoni għandha potenzjal sinifikanti biex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-bijodiversità.

L-erja wiesgħa tal-kopertura u n-natura obligatorja tal-kundizzjonalità u tal-ekoloġizzazzjoni tassew jippermettu kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tat prijorità lill-għażliet b'impatt ta' benefiċċju għall-bijodiversità fil-PAK attwali u wisq iktar fil-proposta għal PAK futura.

Il-Kummissjoni ma titfax l-impenji agroambjentali meħuda fl-Unjoni fil-kategoriji “ftit ekoloġiċi” u “ferm ekoloġiċi”, li huwa mod simplifikat għad-deskrizzjoni tal-għadd għoli ħafna ta' prattiki appoġġati fl-Unjoni. Filwaqt li huwa minnu li miżuri agroambjentali klimatiċi aktar impenjattivi għandhom rata ta' parteċipazzjoni aktar baxxa, il-Kummissjoni tqis li l-koeżistenza tat-tipi differenti ta' miżuri bħal dawn, kif ukoll impenji bbażati fuq l-azzjoni u bbażati fuq ir-riżultati, jipprovdu beni pubbliċi addizzjonali u jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-bijodiversità.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK futura tieħu kont tal-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-istrumenti tal-PAK u tinkludi qafas konsistenti u msaħħaħ, inkluż kundizzjonalità mtejba, servizzi

konsultattivi, ekoskemi għall-miżuri tal-Pilastru I u l-Pilastru II. L-Istati Membri se jkollhom flessibilità wiesgħa biex jimmobilizzaw dawn l-istrumenti b'mod konsistenti għal ambizzjoni ogħla b'rabta mal-bijodiversità u biex jiġu stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li jiġu approvati mill-Kummissjoni. Ir-riżultati se jitkejlu permezz ta' indikaturi komuni ddedikati tar-riżultati fuq bażi annwali, li ħafna minnhom jikkonċernaw b'mod speċifiku l-bijodiversità, u permezz ta' indikaturi tal-impatt u evalwazzjonijiet.

VIII. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet. Ara t-tweġibiet dettaljati tal-Kummissjoni fil-konklużjonijiet u fir-rakkomandazzjonijiet tat-taqsimiet.

## **INTRODUZZJONI**

02. Hemm kawżi oħra għat-telf tal-bijodiversità fl-Ewropa milli minħabba l-intensifikazzjoni tal-agrikoltura. Ir-rapport dwar l-istat tal-ambjent tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (ir-rapport SOER) qal li *“Europe’s biodiversity and ecosystems face cumulative pressures from land use change, climate change, extraction of natural resources, and invasive alien species”*. Barra minn hekk, ir-rapport jagħmel ukoll referenza espliċita għall-abbandun tal-art u l-espansjoni urbana bħala waħda mill-kawżi ewlenin tat-tnaqqis tal-bijodiversità.

Ir-rapport SOER qal ukoll li *“the long-term trends in farmland, forest and all common bird and grassland butterfly populations demonstrate that Europe has experienced a major decline in biodiversity<sup>1</sup>”*.

Barra minn hekk, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami ta' nofs il-mandat dwar l-istrateġija għall-bijodiversità semma li *“filwaqt li x-xejriet ġenerali jkomplu jikkawżaw tħassib serju, hemm ħafna titjib lokali bħala riżultat dirett ta' Prattiki agrikoli tajbin u miżuri tajbin għall-bijodiversità li jaqgħu taħt il-PAK, b'mod partikolari taħt il-miżuri agroambjentali u fis-siti tan-Natura 2000. Dawn is-suċċessi jibagħtu messaggġ importanti dwar il-possibilità li tintlaħaq il-mira tal-2020 għall-bijodiversità, iżda jeħtieġ li jinfirxu iżjed biex jinkisbu riżultati li jistgħu jitkejlu fil-livell tal-UE.”*

Il-Kummissjoni tqis li l-istudju Ġermaniż ma analizzax ir-rikkezza tal-ispeċijiet tal-insetti. Barra minn hekk, l-artiklu ma ttestjax l-ipoteżi tal-agrikoltura bħala l-mutur għat-telf tal-bijomassa, iżda ta' fatturi oħra, mingħajr ma identifika rabtiet ta' kawżalità ċari. Finalment, ir-riżultati tal-istudju mhux bilfors jirriflettu s-sitwazzjoni fil-livell tal-UE.

03. L-indikatur komuni tal-għasafar f'żoni agrikoli statistikament naqas b'mod sinifikanti fil-livell tal-UE mill-1990 sal-2017, b'rata ta' 1,47 % fis-sena. Din it-tendenza ta' tnaqqis turi livellar fit-tnaqqis bejn l-2009 u l-2017.

Hemm taħlita ta' fatturi li jeżerċitaw pressjoni fuq il-popolazzjonijiet tal-għasafar f'żoni agrikoli, fosthom il-konverżjoni tal-kopertura tal-art (eż. urbanizzazzjoni), l-abbandun tal-art, it-tibdil fil-klima, speċijiet aljeni invażivi u l-agrikoltura.

04. L-Indiċi Ewropew għall-Friefet tal-Bwar jippreżenta limitazzjonijiet ta' rappreżentattività. Fil-preżent, l-indiċi għall-friefet tal-bwar huwa bbażat fuq monitoraġġ f'14-il pajjiż, b'75 % tas-siti tal-monitoraġġ fi tliet pajjiżi biss fosthom ir-Renju Unit, in-Netherlands u l-Ġermanja. Anki jekk jiġi eskluż ir-Renju Unit, il-pajjiżi tal-Punent tal-UE jammontaw għal 74 % ta' transeks. Il-pajjiżi tat-Tramuntana (14 %), tan-Nofsinhar (11 %) u l-Ewropa tal-Lvant (1 %) huma sottorappreżentati<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> “This has been primarily due to the loss, fragmentation and degradation of natural and semi-natural ecosystems, mainly caused by agricultural intensification (Donald et al., 2001; Van Dyck et al., 2009; Jeliakov et al., 2016), intensive forest management (Virkkala, 2016; Fraixedas et al., 2015), land abandonment and urban sprawl (Chapters 5 and 13). For example, through habitat simplification (e.g. removal of hedgerows and treelines to make fields larger), loss and fragmentation, birds lose their nesting sites and food sources, which adds to population decline (Guerrero et al., 2012). Urban sprawl increases anthropogenic light levels as well as noise levels, which affects the behaviour of singing birds and impairs acoustic communication in birds (Chapter 11).”

<sup>2</sup> Fost il-pajjiżi tan-Nofsinhar, Spanja biss hija parzjalment irrapreżentata; il-Portugall, l-Italja, il-Greċja, Malta u Ċipru mhumiex. Fil-pajjiżi tal-Lvant ir-rappreżentazzjoni hija marġinali, bi 12 u 8 transeks fir-Rumanija u fis-Slovenja rispettivament; fil-pajjiżi l-oħra kollha

Il-Kummissjoni nediet proġett pilota (Assessing Butterflies in Europe – ABLE, <https://butterfly-monitoring.net/able>) biex jiżdied l-għadd ta' pajjiżi sorveljati.

05. In-Natura 2000 huwa netwerk ekoloġiku Ewropew koerenti ta' siti li jospitaw habitats naturali protetti u habitats ta' speċijiet ta' importanza għall-UE. Ir-rapporti nazzjonali l-iktar reċenti fil-qafas taċ-ċiklu ta' rapportar ta' sitt snin bejn l-2013 u l-2018 fil-qafas tad-Direttivi dwar il-Habitats u dwar l-Għasafar dwar l-istatus u t-tendenzi tal-ispeċijiet u tal-habitats għadhom mhumiex finalizzati u bħalissa qed jiġu evalwati. Iċ-ċifri ppreżentati mill-Qorti juru s-somma tad-*data* nazzjonali rilevanti, filwaqt li jrid isir kalkolu aktar kumpless għall-UE. Madankollu, id-*data* nazzjonali diġà tindika li s-sitwazzjoni tal-habitats tal-bwar bilkemm qed titjeb mill-aħħar ċiklu ta' rapportar u x-xejriet negattivi għadhom fil-biċċa l-kbira jipprevalu. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (European Environment Agency, EEA) qalet li l-pressjonijiet u t-theddid għall-ispeċijiet, il-habitats u l-ekosistemi terrestri kollha li jiġu rrapportati l-iktar sikwit mill-Istati Membri huma assoċjati mal-agrikoltura.

06. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-tħassib, dovut għax-xejra ta' tnaqqis fil-bijodiversità b'rabta mal-agrikoltura u msemmi mill-QEA fl-istudji (prattiki ta' biedja estensivi u intensivi). Għandu jiġi nnotat li dawn l-istudji ma jirriflettux id-diversità sħiħa tas-sistemi tal-biedja fl-UE.

Barra minn hekk, wieħed mill-istudji (Sutcliffe et al) għandu xi limitazzjonijiet rigward l-iżvantaġġi tal-PAK minħabba nuqqas ta' evidenza.

07. L-evalwazzjoni globali tal-Kummissjoni se tinkludi wkoll konsultazzjoni pubblika online, li r-riżultati tagħha mistennija joħorġu iktar tard fl-2020. Dokument ta' ħidma tal-persunal dwar ir-riżorsi naturali, li fih evalwazzjoni usa', huwa skedat li jiġi ppubblikat fl-ewwel kwart tal-2021.

L-istudju tal-evalwazzjoni estern ikkonkluda li minħabba nuqqas ta' *data*, ma kienx possibbli li jiġi stmat l-impatt ikkombinat nett tal-istrumenti u l-miżuri tal-PAK fuq il-bijodiversità, lanqas f'termini semikwantitattivi.

Barra minn hekk, l-istudju kkonkluda li r-rapportar mill-Istati Membri dwar il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u tal-bijodiversità ġie raggruppat taħt il-Prijorità 4. Għaldaqstant ġie propost li għall-PAK tal-ġejjieni dan ir-rapportar jiġi separat b'mod aktar ċar.

08. Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel studju dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċekja qed jippreżenta riżultati relatati mal-intensifikazzjoni tal-agrikoltura u l-abbundanza tal-għasafar f'żoni agrikoli, iżda ma fihx evidenza effettiva tal-influenza tal-PAK fuq il-bijodiversità agrikola.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-istudju Ġermaniż (Seibold et al.), l-awturi semmew li "*it remains unclear which land-use types and arthropod groups are affected, and whether the observed declines in biomass and diversity are linked to one another*".

12. Il-Konferenza tal-Partijiet tal-KDB (COP 15) se tiġi posposta għall-bidu tal-2021. Il-forma konkreta tal-azzjonijiet ta' segwitu fl-2021 għadha mhix determinata.

## **OSSERVAZZJONIJIET**

19. Il-kontribut tad-Direttivi dwar in-Natura għal habitats u speċijiet protetti b'rabta mal-agrikoltura, li jipprovdi azzjonijiet ewlenin biex jiġi indirizzat it-telf tal-bijodiversità fuq art agrikola, għandu jiġi kkunsidrat ukoll: il-pjan ta' azzjoni għan-natura, għan-nies u għall-ekonomija fih diversi inizjattivi u b'mod parallel il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur li jindirizzaw direttament il-habitats u l-ispeċijiet agrikoli.

20. Il-politiki u l-istrateġiji tal-UE ma għandhomx l-istess tul ta' żmien.

---

tal-Lvant ma jittehdix kampjuni. Fost il-pajjiżi tat-Tramuntana, id-Danimarka u l-Estonja mhumiex irrappreżentati, u l-biċċa l-kbira tat-transsects huma fl-Iżvezja. (Ara van Sway et al 2017).

L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 ġiet adottata f'Mejju 2011 bl-objettiv li sal-2020 jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità, jiġifieri għal perjodu ta' disa' snin.

Ir-riforma tal-PAK għall-2014–2020 tipprovdi firxa ta' strumenti li jsostnu l-bijodiversità. Dawn l-opportunitajiet issa hemm bżonn li jiġu adottati mill-Istati Membri fuq skala suffiċjenti. L-eżempji lokali juru prattiki agrikoli sostenibbli li kellhom suċċess. Jekk jiġu implimentati b'mod aktar wiesa', l-UE tista' terġa' tkun fit-triq it-tajba biex tikseb il-mira sal-2020 (ara l-eżami ta' nofs il-mandat tal-Istrateġija għall-Bijodiversità, paragrafu 2).

Il-PAK futur għal wara l-2020 se titfa' iktar enfasi fuq il-prestazzjoni, b'diversi indikaturi tar-riżultati jkunu marbuta mal-monitoraġġ tal-bijodiversità kull sena fid-dawl tal-istadji importanti annwali stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Dawn se jiġu kkomplementati b'indikaturi tal-impatt u evalwazzjonijiet.

21. Filwaqt li jirrikonoxxi t-telf globali tal-bijodiversità, ir-rieżami tal-2015 ta' nofs il-mandat tal-istrateġija għall-bijodiversità sal-2020 jinnota wkoll ħafna titjib lokali rikonoxxut b'miżuri tal-bijodiversità fil-qafas tal-PAK. Il-messaġġ importanti dwar l-ilħuq tal-mira tal-bijodiversità tal-2020 dwar l-agrikoltura kien li s-suċċessi u l-opportunitajiet jeħtieġ li jiġu adottati mill-Istati Membri fuq skala suffiċjenti.

L-istudju ta' sostenn dwar l-evalwazzjoni tal-impatti tal-PAK fuq il-bijodiversità, kif ukoll ir-rapportar preliminari mill-Istati Membri skont id-Direttivi dwar in-Natura jipprovdu evidenza iktar reċenti (State of Nature 2020, EEA). L-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għadha għaddejja u s-sejbiet preliminari mistennija jkunu disponibbli fl-istudju ta' sostenn f'Mejju; madankollu għall-mira 3a) dawn se jużaw ukoll ir-rapport dwar l-Istat tan-Natura tal-2020 u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità.

22. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>3</sup> (flimkien mal-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”<sup>4</sup>), li ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2020, tistabilixxi miri relatati mal-agrikoltura. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK wara l-2020 espliċitament teżiġi li l-Istati Membri jqisu l-pjanijiet ambjentali nazzjonali, u l-miri tagħhom, li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li tinkludi d-Direttivi dwar il-Habitats u dwar l-Għasafar.

23. Il-mira 3 hija mira orizzontali maqsuma f'żewġ sottomiri: (3a) għall-agrikoltura u (3b) għall-forestrija. Il-Kummissjoni tqis li l-mira (3a) biss hija rilevanti għall-bijodiversità agrikola. Fiha nfisha mhijiex ikkwantifikata. L-istrateġija tgħid li l-mira 3a) għandha l-għan li jsir *“titjib li jista' jitkejjel fl-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats li jiddependu jew ikunu milquta mill-agrikoltura, kif ukoll titjib fl-għoti ta' servizzi ekosistemiċi, imqabbel max-xenarju bażi EU2010”*.

Barra minn hekk, il-mira għandha komponent kwantifikabbli għaliex tirreferi għat-titjib li jista' jitkejjel fl-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats fir-rigward tal-mira 1 u l-mira 2 ta' restawr ta' 15 %. L-interpretazzjoni u l-kejl tal-mira 2 kienu tassew sfida.

24. L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 ma tirreferix għall-“Indikaturi Simplifikati tal-Bijodiversità Ewropea” (SEBIs) jew għal kwalunkwe sistema oħra ta' monitoraġġ.

Wara l-bidu tiegħu fl-2005, is-sett tal-indikaturi SEBIs ġie rivedut u aġġustat biex jirrifletti d-disponibbiltà kif ukoll il-lakuni fl-informazzjoni rilevanti għall-bijodiversità. Ħafna indikaturi ġew imsaħħa minn lat metodoloġiku biex jipprovdu valutazzjonijiet aktar robusti tal-bijodiversità. B'riżultat ta' dan, is-sett attwali tal-indikaturi SEBIs ikompli joffri bażi wiesgħa ta' evidenza li tintraċċa l-istatus u x-xejriet tal-bijodiversità fl-Ewropa, inkluż l-agroekosistemi.

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: “EU Biodiversity Strategy for 2030, Bringing nature back into our lives”, COM(2020) 380 final

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: “Strateġija ‘Mill-Għalqa sal-Platt’ għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent”, COM(2020) 381 final.

Xi indikaturi tas-sett oriġinali kellhom jitwaqqfu minħabba n-nuqqas ta' sistemi tal-monitoraġġ stabbiliti, li setgħu jipprovdu *data* u informazzjoni ġodda, pereżempju dwar id-diversità ġenetika jew iż-żoni b'Valur Naturali Għoli. Barra minn hekk, biex jiġi evitat li jsiru sforzi doppji, is-sett kellu l-għan li jqis l-iżviluppi u l-modifiki ta' inizjattivi oħra tal-indikaturi rilevanti, bħall-indikatur agroambjentali jew tal-PAK, kif ukoll proċessi ġodda bħall-Immappjar u l-Valutazzjoni tas-Servizzi tal-Ekosistemi (MAES) jew l-SDGs.

Il-waqfien ta' xi indikaturi ma jfissirx li l-indikaturi SEBIs l-oħra ma jistgħux jintużaw biex jiġi traċċat il-progress tal-bijodiversità.

25. L-indikaturi ewlenin għall-monitoraġġ tal-PAK huma dawk fil-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (CMEF). L-indikaturi agroambjentali jintużaw biex tiġi traċċata l-integrazzjoni tat-tħassib ambjentali fil-PAK. Dawn mhumiex l-indikaturi ewlenin għall-monitoraġġ tal-PAK b'mod globali.

Fir-rigward tal-kunċett ta' "Valur Naturali Għoli" (HNV), il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn:

(a) il-biedja b'HNV u (b) l-art agrikola b'HNV.

Il-kunċett tal-biedja b'HNV jirreferi għall-kawżalità bejn ċerti tipi ta' attivitajiet tal-biedja u r-riżultati ambjentali korrispondenti, inkluż livelli għolja ta' bijodiversità u l-preżenza ta' habitats u speċijiet li huma ta' valur ambjentali.

L-indikatur tal-art agrikola b'HNV huwa ddefinit bħala l-perċentwal tal-erja agrikola utilizzata b'Valur Naturali Għoli.

26. Bħalissa qed tintuża firxa wiesgħa ta' approċċi u kombinazzjonijiet ta' metodi fl-UE biex jiġi vvalutat l-estent tal-art agrikola b'HNV. Filwaqt li sar progress tajjeb fil-valutazzjoni tal-estent tal-art agrikola b'HNV, il-valutazzjoni tal-kundizzjoni jew tal-kwalità tagħha għadha tippreżenta sfida konsiderevoli. Minħabba l-varjazzjoni tad-disponibilità tad-*data* fl-Istati Membri tal-UE u r-regġuni tal-UE u l-firxa tas-sitwazzjonijiet fiżiċi (id-daqs tat-territorju, l-istruttura u s-sistemi tal-azjendi agrikoli, it-tipi predominanti ta' art u habitats), ma jkunx xieraq li tiġi imposta metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tal-art agrikola b'HNV. L-użu ta' metodu wieħed jillimita l-analiżi għal *data* disponibbli fl-UE kollha, u jkun jeskludi s-sorsi tad-*data* l-aktar għanja u rilevanti, u jipprekludi lill-Istati Membri milli jużaw metodi aktar raffinati li huma żviluppaw, bil-konsegwenza li l-kwalità u l-preċiżjoni tal-valutazzjoni jkunu inqas tajbin.

L-EEA u l-Kummissjoni, li skont l-istima tagħhom fuq il-bażi ta' ġabriet ta' *data* miġbura fil-livell tal-UE fl-2012 l-art agrikola b'HNV tokkupa 33,5 % tal-art agrikola rreġistrata fil-CORINE Land Cover (CLC) fl-UE-28, jistgħu jagħtu stima tas-sehem ta' art agrikola b'HNV fil-livell nazzjonali. Madankollu, huma jirrikonoxxu wkoll id-diffikultajiet u r-restrizzjonijiet biex titwaqqaf metodoloġija komuni jekk din għandha tibbaża fuq settijiet ta' *data* nazzjonali. Ladarba jkunu disponibbli metodoloġija komuni u replikabbli u settijiet ta' *data* sostenibbli, l-indikatur fil-livell tal-UE dwar il-biedja b'HNV jista' jiġi kkunsidrat mill-ġdid, biex jikkomplementa l-ħidma eżistenti fil-livell tal-UE dwar l-art agrikola b'HNV.

29. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-tħassib imsemmi mill-QEA, iżda tqis li s-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel huma diversi.

30. Kemm il-PAK ta' 2014–2020 kif ukoll il-PAK wara l-2020 jinkludu l-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura bħala waħda mill-azzjonijiet eliġibbli. L-informazzjoni dwar il-miżuri agroambjentali klimatiċi li jimmiraw lejn razez lokali tinstab fil-programmi tal-iżvilupp rurali. Barra minn hekk, il-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi hija sostnuta wkoll fil-qafas tas-sottomiżura 10.2, li għaliha teżisti *data* f'dan il-livell tas-sottomiżura. Barra minn hekk, fil-qafas ta' Orizzont 2020, il-Kummissjoni bħalissa qed tappoġġa l-proġett GenResBridge, li fost l-oħrajn għandu l-għan li jiżviluppa strateġija usa' għar-riżorsi ġenetiċi u l-agrobijodiversità.

Il-Kummissjoni qatt ma rċeviet talba mill-Istati Membri biex tistabbilixxi strateġija Ewropea ġdida.

31. Il-Kummissjoni tipprovdi stima approssimattiva ta' kemm tonfoq fuq il-bijodiversità u tqis li din l-istima eċċessiva mhijiex riflessa b'mod ċar għar-raġunijiet mogħtija hawn taħt.

Il-metodoloġija tal-Kummissjoni għat-traċċar tal-baġit fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) — inkluża l-PAK — għall-bijodiversità hija mibnija fuq il-metodoloġija maqbulha internazzjonalment tal-indikaturi ta' Rio tal-OECD. Din il-metodoloġija tapplika t-tliet koefċijenti li ġejjin għall-bijodiversità:

- 1) Objettiv predominanti (100 %),
- 2) Objettiv importanti (40 %) u
- 3) L-ebda mira tal-bijodiversità (0 %)

Il-metodoloġija tal-OECD ma tistabbilixxix il-koefċijenti preċiżi li għandhom jiġu applikati għal kull strument tal-PAK, u b'hekk il-Kummissjoni żviluppat l-applikazzjoni ta' din il-metodoloġija għall-PAK 2014–2020.

Il-Kummissjoni se tirrevedi l-metodoloġija tagħha għat-traċċar tal-baġit tal-bijodiversità biex tallinjaha ma' bidliet leġiżlattivi ġodda, billi tqis l-evidenza xjentifika u sostnuta minnha, u tadattaha għall-QFP 2021–2027 li jmiss kif ukoll għal żviluppi rilevanti oħra.

Din il-metodoloġija tat-traċċar għandha tkun allinjata mill-qrib ma' dik tal-OECD.

32. L-istudju ta' sostenn għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq il-ħabitats, il-bijodiversità u l-pajsaġġi ma pprovdix evidenza ta' nfiq tal-PAK li sistematikament għandu impatt negattiv fuq il-bijodiversità tal-art agrikola.

Permezz ta' studju fl-2014, il-Kummissjoni żviluppat ukoll linji gwida għall-prova tar-reżistenza tal-bijodiversità<sup>5</sup> biex tiżgura li l-fondi ewlenin tal-UE ma jkollhomx impatt negattiv fuq il-bijodiversità, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

33. Fil-każ tal-Prijorità 4, li tiffoka fuq is-servizzi tal-ekosistema relatati mal-agrikoltura u l-forestrija, fil-metodoloġija attwali tagħha l-Kummissjoni tqis li l-prattiki tal-biedja li ġew appoġġati insostenn tal-bijodiversità jikkontribwixxu fl-istess waqt għat-titjib tal-ambjent ġenerali, inkluż l-ilma u l-ħamrija u viċversa. Din l-interkonnnettività qawwija fir-rigward tal-impatt ambjentali tal-prattiki programmati fil-qafas ta' kull wieħed mit-tliet aspetti speċifiċi wasslet lill-Kummissjoni biex tapplika koefċijent ta' 100 % għall-kontribuzzjoni ta' kull aspekt speċifiku ta' din il-prijorità, inkluż l-ilma u l-ħamrija.

34. Il-Kummissjoni tapplika l-metodu miftiehem ta' kontribuzzjoni ta' 40 % tal-ekoloġizzazzjoni għall-bijodiversità, li hija tqis bħala indikatur raġonevoli għall-kontribuzzjoni tal-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni għall-preservazzjoni tal-bijodiversità tal-UE. Skont l-istima tal-Kummissjoni fil-metodoloġija attwali tagħha tat-traċċar, il-pagamenti ta' ekoloġizzazzjoni jikkontribwixxu għal 12 % tal-pagamenti diretti għall-bijodiversità. B'kont meħud tal-firxa wiesgħa koperta mill-prattiki ta' ekoloġizzazzjoni u tal-fatt li l-ekoloġizzazzjoni impedixxiet id-deterjorament tal-bijodiversità jew tejbitha (partikolarment wara l-2018 meta l-pestiċidi kienu pprojbiti għaż-ŻIE), din iċ-ċifra tqieset li kienet raġonevoli meta ġiet żviluppata l-metodoloġija attwali biex jiġi traċċat l-infiq tal-bijodiversità fil-PAK.

35. Bl-użu tal-approċċ tal-indikaturi ta' Rio, il-Kummissjoni qieset li kellha tieħu l-fattur medju (40 %) biex tikkalkula l-kontribuzzjoni tal-kundizzjonalità meta tiżviluppa l-metodoloġija attwali tagħha tat-traċċar. Fuq il-bażi ta' din l-istima u b'fattur ta' ponderazzjoni, il-kundizzjonalità tqieset li tikkontribwixxi għal inqas minn 3 % tal-pagamenti diretti għall-bijodiversità. B'kont meħud tal-firxa

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/environment/nature/biodiversity/financing\\_en.htm](https://ec.europa.eu/environment/nature/biodiversity/financing_en.htm) u <https://ec.europa.eu/environment/nature/biodiversity/comm2006/pdf/cfbp%20-%20cap.pdf>

wiesgħa koperta mill-prattiki taħt il-kundizzjonalità (90 % taż-żona agrikola totali) u tal-fatt li tinkludi Prattiki bażiċi iżda importanti għall-bijodiversità, kien meqjus li din iċ-ċifra hija raġonevoli.

37. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 31.

39. Il-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fil-qafas tal-iskema ta' pagament bażiku u tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jipprovdu appoġġ għall-introjtura bażiku fuq il-bażi tan-numru ta' ettari maħduma. Dawn huma kkomplementati b'għadd ta' skemi ta' sostenn oħra li jimmiraw lejn objettivi speċifiċi jew tipi ta' bdiewa, fosthom pagament dirett "ekoloġiku" għal Prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent.

40. L-istudju ta' sostenn għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità ma sab l-ebda studju li juri xi impatt negattiv li l-appoġġ akkoppjat volontarju għandu fuq il-bijodiversità agrikola.

L-appoġġ akkoppjat volontarju m'għandux l-għan li jżid il-produzzjoni. Dan huwa skema li tillimita l-produzzjoni, notifikata lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) taħt il-kaxxa l-blu. Jista' jingħata biss mill-Istati Membri lil ċerti setturi f'diffikultà. Fis-seħħ hemm diversi mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-limitazzjoni tal-produzzjoni bl-iskema, partikolarment ir-rispett strett tal-pakketti finanzjarji stabbiliti għal kull miżura ta' sostenn, u l-pagament li huwa bbażat fuq erjas (ta' livelli storiċi tal-produzzjoni) u rendimenti fissi jew għadd fiss ta' annimali.

L-appoġġ akkoppjat volontarju joffri l-possibbiltà li jiġu appoġġati xi setturi / produzzjoni, partikolarment għall-prevenzjoni tal-eskalazzjoni tad-diffikultajiet li jgħaddu minnhom u l-konsegwenzi relatati (l-abbandun tal-produzzjoni, id-deżertifikazzjoni taż-żoni rurali ...), eż. it-trobbija tan-nagħaġ u tal-mogħoż f'żoni fejn inkella din tisparraxxi (eż. f'żoni muntanjużi), u għalhekk jiġi evitat l-abbandun tal-art.

Il-qafas legali tal-appoġġ akkoppjat volontarju joffri biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà mfassla apposta skont l-eżiġenzi speċifiċi tagħhom, u jqisu pereżempju t-tfassib ambjentali (eż. appoġġ għar-razez awtoktoni eċċ.).

It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 41 sa 50:

Il-kundizzjonalità hija rabta bejn il-pagamenti tal-PAK u l-ħarsien tar-regoli leġislattivi tal-UE, speċjalment għall-bijodiversità. Meta bidwi ma jikkonformax ma' dawn ir-regoli, il-pagamenti tal-PAK riċevuti jistgħu jitnaqqsu proporzjonalment skont is-severità tal-ksur. Dan it-tnaqqis jista' jkun bejn 1 % u 100 %. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-ksur mhuwiex intenzjonat u għalhekk is-sanzjonijiet tal-kundizzjonalità applikati huma bejn 1 % u 5 %.

Id-Direttivi u r-Regolamenti tal-UE jstabbilixxu għadd ta' regoli (rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni, SMRs). Il-kundizzjonalità tgħin biex titqajjem kuxjenza fost il-bdiewa biex jirrispettaw id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-leġislazzjonijiet tal-UE.

Il-PAK tistabbilixxi wkoll regoli oħra (standards tal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin, KAAT) u fil-preżent jirrigwardaw b'mod primarju l-ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma kif ukoll iż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ. L-Istati Membri jridu jiddefinixxu standards nazzjonali adattati għall-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali.

Meta bl-esperjenza l-Istati Membri jikkonkludu li l-benefiċċji tal-bijodiversità ma jintlaħqux, dawn ikollhom flessibbiltà Wiesgħa biex jaġġustaw ir-regoli applikati għall-bdiewa bħala SMRs jew standards tal-KAAT. Il-kundizzjonalità mhijiex l-uniku mutur għall-istat tal-bijodiversità u l-effett tal-kundizzjonalità ma jistax jitkejjel b'mod speċifiku b'risultati jew indikaturi tal-impatt, li jirriflettu x-xejriet li jinkludu diversi fatturi. Minħabba f'hekk il-Kummissjoni tibbaża fuq indikaturi tal-output biex tkejjel l-implimentazzjoni tal-istrumenti individwali bħall-kundizzjonalità.

Il-proposta għall-PAK futura ssaħħa ir-regoli tal-kundizzjonalità, fosthom għall-bijodiversità u l-pestiċidi billi tintroduċi SMRs u standards tal-KAAT ġodda f'kundizzjonalità msaħħa. Madankollu, l-

istandards tal-KAAT u l-SMRs huma Prattiki obbligatorji bażiċi, li jikkostitwixxu linja bażi għal Prattiki aktar ambizzjużi appoġġati mill-fondi tal-PAK. Ir-regoli tal-kundizzjonalità m'għandhomx l-għan li waħedhom jilhqg ambizzjoni għolja b'rabta mal-bijodiversità, iżda biss f'assoċjazzjoni ma' miżuri ta' sostenn u inċentivi finanzjarji. F'dan ir-rigward il-konsulenza permezz tas-Sistema Konsultattiva għall-Azjendi Agrikoli (FAS) hija element importanti biex fost l-oħrajn tingħata għajnuna lill-bdiewa fl-applikazzjoni tal-Prattiki li jibbenefikaw il-bijodiversità.

Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonalità, flimkien ma' strumenti oħra tal-PAK, għandha impatt pożittiv fuq il-bijodiversità agrikola.

### **Kaxxa 1 - Il-qerda ta' sisien tal-ħaxix fis-seklu 20**

Il-PAK ma tistax tinżamm responsabbli waħedha għall-qerda kollha tas-sisien tal-ħaxix, li seħħet għal diversi raġunijiet, partikolarment minħabba l-intensifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-art. Barra minn hekk, filwaqt li huwa minnu li ċerti mekkaniżmi tal-PAK setgħu wasslu biex din it-tendenza tiġi amplifikata fil-passat, diġà ilu bosta snin li fil-PAK m'għadux jeżisti inċentiv li jwassal għall-qerda ta' sisien tal-ħaxix.

It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 53 sa 60:

L-ekoloġizzazzjoni hija skema ta' appoġġ taħt il-pagamenti diretti li l-għan tagħha huwa li tagħti remunerazzjoni lill-bdiewa għall-beni pubbliċi pprovduti bi tliet miżuri: il-protezzjoni ta' bwar permanenti, inkluż dak li ambjentalment huwa l-iktar sensitiv, id-diversifikazzjoni tal-għelejjel u ż-żamma ta' perċentwal ta' raba' li jinħadem bħala erja b'fokus ekoloġiku (EFA). Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-ekoloġizzazzjoni li saret fl-2016 ikkonkludiet li dan l-istrument għandu potenzjal sinifikanti, partikolarment minħabba l-kopertura wiesgħa tiegħu (77 % tal-erja agrikola totali), iżda dan il-potenzjal ma kienx qed jiġi sfruttat għalkollox mill-Istati Membri u mill-bdiewa. Minħabba f'hekk il-Kummissjoni introduċiet għadd ta' titjib wara din il-valutazzjoni, b'mod partikolari bil-projbizzjoni tal-użu tal-pestiċidi f'EFAs mill-2018 'il quddiem.

Meta bl-esperjenza l-Istati Membri jikkonkludu li l-benefiċċji tal-bijodiversità ma jintlaħqux, dawn ikollhom flessibilità wiesgħa biex jaġġustaw ir-regoli applikati għall-bdiewa fil-qafas tal-ekoloġizzazzjoni.

L-ekoloġizzazzjoni mhijiex l-uniku mutur għall-istat tal-bijodiversità u l-effett tagħha ma jistax jitkejjel b'mod speċifiku b'riżultati jew indikaturi tal-impatt, li jirriflettu x-xejriet li jinkludu diversi fatturi. Minħabba f'hekk il-Kummissjoni tibbaża fuq indikaturi tal-output biex tkejjel l-implimentazzjoni tal-istrumenti individwali bħall-ekoloġizzazzjoni.

Ġie vvalutat li l-artikolazzjoni bejn l-istrumenti tal-PAK tista' titjeb biex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali u għalhekk il-Kummissjoni pproponiet li fil-PAK futura l-istrumenti kollha se jkunu parti mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK iddefiniti mill-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward l-obbligi tal-ekoloġizzazzjoni jiġu integrati mal-obbligi tal-kundizzjonalità f'forma msaħħa, u tiġi stabbilita skema ġdida fil-qafas tal-pagamenti diretti għal finijiet ambjentali, l-ekoskemi.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-potenzjal tal-ekoloġizzazzjoni attwali biex titjeb il-bijodiversità mhuxew sottożviluppat fil-livell tal-UE, imma mhux qed jiġi sfruttat għalkollox. Il-proposta għall-PAK futura għandha l-għan li tindirizza dan in-nuqqas.

54. Il-kwotazzjoni shiħa fid-Dokument ta' Hidma tal-Persunal li jinkludi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni (sommarju eżekuttiv) taqra hekk: *"All greening measures have some relevance for environmental and climate needs/problems, but often limited by specific associated rules, crop diversification being least relevant (even for soil)"*.

63. Għalkemm l-appoġġ għal azzjoni klimatika agroambjentali u għall-agrikoltura organika kif ukoll il-pagamenti ta' Natura 2000 huma tassew il-miżuri ewlenin tal-iżvilupp rurali li jikkontribwixxu għall-oġġettivi u għall-miri tal-bijodiversità, m'għadux jiġi sottovalutat il-potenzjal ta' miżuri



rilevanti oħra tal-iżvilupp rurali. F'dan il-kuntest ikun opportun li jiġi sottolinjat ir-rwol ta' investimenti mhux produttivi fil-ħolqien u / jew fir-ripristinjar ta' elementi karatteristiċi tal-pajsaġġ bħal ringieli ta' sġajriet, ħitan tas-sejjeħ, artijiet mistagħdra eċċ. It-taħriġ u l-għoti ta' pariri għall-azjendi agrikoli għandhom ukoll rwol sinifikanti fil-promozzjoni tal-prattiki u tal-approċċi tal-biedja rilevanti għall-bijodiversità.

65. Il-Kummissjoni ma titfax l-impenji agroambjentali meħuda fl-Unjoni fil-kategoriji “ftit ekoloġiċi” u “ferm ekoloġiċi”, li huwa mod simplifikat għad-deskrizzjoni tal-għadd għoli ħafna ta' Prattiki appoġġati fl-Unjoni. Il-karatteristiċi tal-miżuri agroambjentali klimatiċi differenti (AECM) huma ferm iktar kumplessi (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 67).

66. Mhux l-impenji “ferm ekoloġiċi” biss għandhom potenzjal reali li jilhqgħu l-oġġettivi tal-bijodiversità. Filwaqt li huwa ċar li impenji iktar immirati / iffokati għandhom potenzjal oġġla li jindirizzaw il-ħtiġijiet territorjali speċifiċi, huwa ċar ukoll li xi impenji (inqas impenjattivi) ukoll għandhom rwol sinifikanti fil-promozzjoni ta' Prattiki tal-biedja favur l-ambjent. Dawn jaqdu wkoll l-iskop edukattiv (eż. li jikkonvinċu lill-bdiewa japplikaw għal azzjonijiet iktar impenjattivi fl-istadju li jmiss) u jiżguraw kopertura territorjali kbira b'metodi sostenibbli tal-ġestjoni tal-art. Għal dawn ir-raġunijiet, il-koeżistenza taż-żewġ approċċi ta' impenji, li t-tnejn li huma jridu jmorru lil hinn mill-obbligi legali obligatorji u b'hekk jipprovdu beni pubbliċi addizzjonali, għandha benefiċċji importanti.

L-arkitettura ekoloġika ġdida, kif proposta mill-Kummissjoni għall-perjodu wara l-2020, tippermetti lill-Istati Membri jżommu u jwessgħu dan l-approċċ billi jużaw strumenti differenti bħall-kundizzjonalità u l-ekoskemi flimkien mal-impenji agroambjentali klimatiċi.

67. Skont in-natura tagħhom, l-impenji mmirati, li jirrikjedu bidliet iktar ambizzjużi meta mqabbla mal-prattiki tal-biedja tas-soltu, huma proposti f'żoni limitati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ambjentali speċifiċi għal dawk iż-żoni. Dan jispjega r-rata ta' parteċipazzjoni iktar baxxa f'dan it-tip ta' impenji li, konsegwentement, jattiraw inqas azjendi agrikoli u inqas ettari. Min-naħa l-oħra, xi impenji jistgħu jkunu inqas impenjattivi (anki jekk rilevanti u ta' benefiċċju għall-ambjent) u spiss ikunu l-punt ta' tluq minn fejn il-bdiewa jibdeu l-implimentazzjoni tal-approċċi agroambjentali klimatiċi (AEC). Dawn ir-raġunijiet għandhom impatt fuq ir-rati ta' parteċipazzjoni, madankollu mingħajr ma jaqjmu diskussjoni dwar il-valur miżjud, minn lat ambjentali, ta' dawn il-miżuri.

Kif diġà msemmi fil-paragrafu 65, il-Kummissjoni ma titfax l-impenji agroambjentali differenti meħuda fl-Unjoni fil-kategoriji “ftit ekoloġiċi” u “ferm ekoloġiċi”. Għaldaqstant, il-Kummissjoni m'għandhiex statistika relatata ma' din il-klassifikazzjoni.

L-ewwel inċiż. Id-disinn tal-impenji agroambjentali klimatiċi, l-allokazzjoni finanzjarja u l-konċentrazzjoni tagħhom fuq erjas speċifiċi jridu jiġu eżaminati fil-kuntest ikbar tal-kontribuzzjoni għall-oġġettivi u għall-miri rilevanti u għall-issodisfar tal-eżiġenzi ambjentali identifikati. L-Istati Membri jgawdu minn ċerta flessibilità fil-programmazzjoni tagħhom biex jinkisbu l-oġġettivi.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkompensaw, għalkollox jew parzjalment, it-telf tad-dħul u l-ispejjeż imġarrba minħabba l-impenji agroambjentali klimatiċi. Madankollu, il-kompens parzjali u l-kopertura ġeografika tal-impenji ambjentali (inkluż il-livell ta' adegżjoni) iridu jiġu eżaminati u deċiżi fil-kuntest tal-impatt possibbli tagħhom fuq ir-realizzazzjoni tal-miri li għalihom jikkontribwixxu dawk l-impenji.

It-tieni inċiż. Il-prinċipju tal-kalkolu tal-pagamenti fuq il-bażi tat-telf tad-dħul u tal-kostijiet addizzjonali jipprovdi flessibilità importanti filwaqt li jiżgura r-rispett tagħha.

L-ewwel nett, fil-każ ta' impenji li għandhom l-għan li jżommu Prattiki tal-biedja li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u li b'mod ipprovat jinsabu f'riskju li jisparixxu, il-kostijiet tal-opportunità jistgħu jitqiesu u t-telf tad-dħul jista' jiġi kkalkolat fir-rigward tal-prattiki ambjentalment inqas favorevoli li hemm riskju li jsiru iktar komuni.

It-tieni, il-kalkolu tat-telf tad-dħul u tal-kostijiet imġarrba għandhom jirriflettu wkoll il-miri li għalihom mistennija jikkontribwixxu l-impenji. Sabiex tiġi żgurata kontribuzzjoni ta' suċċess, il-grad ta' adeżjoni tal-impenji jrid ikun adegwat u biex dan jiġi żgurat il-livell ta' appoġġ irid jikkompensa l-kostijiet u t-telf tad-dħul ta' kull bidwi u art agrikola li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri jistgħu jżidu kostijiet tat-tranżazzjoni sa valur ta' 20 % tal-primjum imħallas għall-impenji agroambjentali klimatiċi, jekk dawn il-kostijiet huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-impenji.

68. Il-Kummissjoni tqis li, kif muri permezz ta' indikatur, fl-aħħar deċennji tista' tiġi osservata stabbiltà fl-UE, b'xi tendenza lejn l-estensifikazzjoni<sup>6</sup>.

Id-disinn tal-impenji agroambjentali klimatiċi jiddependi fuq l-għażliet tal-Istati Membri, li huma bbażati fuq l-analiżi tas-sitwazzjonijiet ambjentali tagħhom u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati. Minn analiżi bħal din jista' jirriżulta li fid-disinn tal-impenji agroambjentali klimatiċi l-fokus jitqiegħed fuq tip partikolari ta' biedja bħall-bur u l-għalla permanenti.

L-appoġġ fil-qafas tal-miżura agroambjentali klimatika huwa wieħed mill-istrumenti għall-iżvilupp rurali u l-arkitettura ġenerali tal-PAK. L-analiżi tar-risposti tal-Istati Membri għall-eżiġenzi ambjentali identifikati trid issir bl-applikazzjoni ta' approċċ olistiku u sinerġistiku. Pereżempju, l-eżiġenzi ambjentali speċifiċi għal tip partikolari ta' biedja jistgħu jiġu indirizzati bi strument wieħed, eż. il-kundizzjonalità, filwaqt li għal problemi u eżiġenzi oħra li huma tipiċi għal tip ieħor ta' biedja tista' ssir reazzjoni fil-qafas ta' strument ieħor, eż. miżura agroambjentali klimatika.

69. L-għadd ta' applikazzjonijiet għal impenji agroambjentali klimatiċi ppreżentati għal kull tip ta' żona agrikola (raba' li jinħadem, bur, għalla permanenti) m'għandux jintuża bħala l-kriterju ewlieni għall-illustrazzjoni tal-kontribuzzjoni globali tal-miżura agroambjentali klimatika għall-oġġettivi u għall-eżiġenzi identifikati fil-programm tal-iżvilupp rurali. Fid-dawl tal-impatt transsettorjali tal-biedja fuq l-ambjent, ikun iktar rilevanti li wieħed iħares b'mod olistiku lejn ir-risultati tal-miżura kollha (u l-programm) fl-indirizzar tal-kwistjonijiet ambjentali identifikati fi programm.

70. Il-Kummissjoni tippromwovi l-approċċ ibbażat fuq ir-risultati fl-implimentazzjoni tal-miżura agroambjentali klimatika. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK wara l-2020 espliċitament tirreferi għall-approċċi bbażati fuq ir-risultati u tħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjawhom flimkien ma' approċċi innovattivi oħra, sabiex ikun jista' jinkiseb titjib sinifikanti tal-ambjent.

Filwaqt li l-approċċ ibbażat fuq ir-risultati jidher li huwa aktar impenjattiv fil-fażi tad-disinn, il-monitoraġġ u l-amministrazzjoni tiegħu jistgħu jitqiesu li jirrikjedu inqas sforz mill-approċċ ibbażat fuq l-azzjoni (pereżempju ma jkunx hemm il-ħtieġa li tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti prestabbiliti u għażla tajba ta' indikaturi biex jiġu vvalutati r-risultati tgħin biex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' monitoraġġ).

Madankollu, l-approċċi bbażati fuq ir-risultati m'għandhomx jitqiesu bħala l-uniku metodu għall-implimentazzjoni tal-impenji agroambjentali klimatiċi u għall-ksib tal-oġġettivi ambjentali. Barra minn hekk irid jitqies li dawn l-approċċi mhux neċessarjament huma applikabbli għat-tipi kollha ta' artijiet u jaf ikollhom bżonn kundizzjonijiet naturali speċifiċi biex ikunu effettivi (eż. l-okkorrenza ta' ċertu għadd ta' speċijiet ta' pjanti ta' referenza).

71. Is-CMEF jinkludi żewġ indikaturi tal-impatt għall-valutazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità: I.08 Indiċi tal-għasafar f'żoni agrikoli u I.09 Biedja b'valur naturali għoli (HNV).

---

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/food-farming-fisheries/farming/documents/cap-indicators-doc-c33\\_2018\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/food-farming-fisheries/farming/documents/cap-indicators-doc-c33_2018_en.pdf)

Fil-proposta tal-PAK għal wara l-2020, li se tkun orjentata b'mod qawwi lejn ir-riżultati, bosta indikaturi tar-riżultati se jkunu ddedikati għall-monitoraġġ tal-interventi relatati mal-protezzjoni tal-bijodiversità fuq bażi annwali. Dawn l-indikaturi mbagħad jitqabblu mal-istadji importanti annwali prestabbiliti u b'hekk jippermettu l-identifikazzjoni rapida ta' devjazzjonijiet mill-implimentazzjoni pjanata u mistennija.

Dan huwa l-każ b'mod partikolari għal:

- Il-protezzjoni ta' ekosistemi tal-foresti (is-sehem ta' art tal-foresti li għalih jeżistu impenji tal-ġestjoni għas-sostenn tal-pajsaġġ, tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistemi, R.26);
- Il-preservazzjoni tal-habitats u tal-ispeċijiet (is-sehem ta' art agrikola li għalih jeżistu impenji tal-ġestjoni insostenn tal-konservazzjoni jew tar-ripristinjar tal-bijodiversità, R.27);
- L-appoġġ għal Natura 2000 (erjas fis-siti ta' Natura 2000 li għalihom jeżistu impenji għall-protezzjoni, għall-manutenzjoni u għar-ripristinjar, R.28);
- Il-preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ (is-sehem ta' art agrikola li għalih jeżistu impenji għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inkluż ir-ringieli ta' sġajriet, R.29).

Barra minn hekk se jkun hemm ukoll indikaturi tal-impatt relatati mal-bijodiversità:

- Iż-żieda tal-popolazzjonijiet tal-ġhasafar tar-raba' (indiċi tal-ġhasafar f'żoni agrikoli)
- Il-protezzjoni mtejba tal-bijodiversità (il-perċentwal tal-ispeċijiet u tal-habitats ta' interess Komunitarju relatati mal-agrikoltura li għandhom tendenza stabbli jew li qed jiżdiedu)
- Il-forniment aħjar ta' servizzi tal-ekosistemi (il-perċentwal tal-EAU koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ)

72. Ħames Stati Membri (id-Danimarka, Spanja, Franza, il-Greċja u l-Italja, b'total ta' 19-il programm ta' żvilupp rurali) stabbilew indikaturi tar-riżultati speċifiċi għall-programm għall-aspett speċifiku 4A "Bijodiversità", primarjament biex ikopru miżuri li mhumiex koperti mill-indikaturi eżistenti, pereżempju investimenti mhux produttivi u pagamenti Natura 2000 fis-settur forestali, prevenzjoni ta' nirien tal-foresti u restawr tal-foresti wara n-nirien.

Minħabba li fis-CMEF hemm żewġ indikaturi komuni tar-riżultati b'raba' mal-bijodiversità (dwar il-perċentwal ta' art agrikola u ta' art forestali soġġetti għal impenji għall-protezzjoni tal-bijodiversità), huwa loġiku li fl-it I-stati Membri li żviluppaw indikaturi speċifiċi. Għandu jiġi nnotat li l-ġabra ta' indikaturi pprovduta mill-Kummissjoni għall-perjodu attwali ġiet żviluppata biex tilħaq bilanċ tajjeb u jiġi evitat piż amministrattiv ta' sistemi tal-indikaturi kumplessi żżejjed.

Is-sistema kompliet tiġi msaħħa għall-PAK wara l-2020 (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 71).

## **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

74. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk jeżistux il-kundizzjonijiet biex jiġu appoġġati l-miri tal-bijodiversità (jiġifieri jiġu estiżi sal-massimu s-superfiċi agrikoli — kemm jekk bwar, raba' li jinħadem jew għelejjel permanenti — li jkunu koperti minn miżuri relatati mal-bijodiversità fil-qafas tal-PAK biex tkun żgurata l-konservazzjoni tal-bijodiversità), iżda ma tistax tiggarrantixxi riżultati billi l-istat ta' konservazzjoni se jiddependi fuq il-miżuri ta' ġestjoni implimentati f'kull sit tan-Natura 2000 għal kull habitat u speċi. L-istat ta' konservazzjoni tal-habitats u tal-ispeċijiet (mira 1) jiġi affettwat minn ħafna fatturi, u għandu jiġi evitat li n-nuqqas ta' progress sinifikanti fl-istat ta' konservazzjoni jiġi attribwit lill-PAK (li ġie rrapportat għall-habitats u għall-ispeċijiet kollha, kemm agrikoli kif ukoll mhux agrikoli).

75. Il-mira agrikola mhijiex kwantifikata fiha nfisha iżda għandha komponent kwantifikabbli għaliex tirreferi għat-tiġib li jista' jitkejjel fl-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-habitats fir-rigward tal-mira 1 u għar-restawr ta' 15 % tal-ekosistemi degradati b'raba' mal-mira 2. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 23.

76. Il-metodoloġija tal-Kummissjoni li tintraċċa l-baġit tal-PAK għall-bijodiversità hija mibnija fuq il-metodoloġija tal-indikaturi ta' Rio maqbula internazzjonalment tal-OECD. Din il-metodoloġija tapplika tliet koeffiċjenti imma ma tistabbilixxi liema wieħed għandu jiġi applikat għall-komponenti differenti tal-baġit tal-PAK. Għaldaqstant il-Kummissjoni kellha tiżviluppa l-metodoloġija għall-PAK 2014-2020 fuq il-bażi tal-kontribut stmat tagħhom għall-bijodiversità.

### **Rakkomandazzjoni 1 – Isir titjib fil-koordinazzjoni u t-fassil tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għal wara l-2020 u l-infiq jiġi traċċat b'mod aktar preċiż**

a) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”, li ġew adottati mill-Kummissjoni f'Mejju 2020, jinkludu għadd ta' objettivi u miri għall-agrikoltura.

L-Istati Membri kienu involuti fid-diskussjonijiet preliminari għat-tħejjija tal-Istrateġija għall-Bijodiversità l-ġdida permezz tal-Grupp ta' Esperti ddedikat “Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Bijodiversità u għan-Natura” u pprovdew gwida politika permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill f'Diċembru 2019 u xi awtoritajiet sottonazzjonali fl-Istati Membri pprovdew feedback ulterjuri dwar il-pjan direzzjonali għall-“Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030” f'Jannar 2020. L-awtoritajiet nazzjonali se jkunu involuti b'mod sħiħ fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Bijodiversità l-ġdida, speċjalment fl-iżvilupp tal-miżuri nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-miri tagħha, inkluż l-appoġġ possibbli fil-qafas tal-PAK.

b) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030. Fil-livell nazzjonali diġà jeżistu eżempji ta' sinerġiji bħal dawn bejn l-agrikoltura u l-miżuri tal-bijodiversità, iżda ħafna jiddependi fuq l-għażliet tal-Istati Membri fl-infiq tal-fondi tal-PAK, speċjalment fil-qafas tal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid tal-PAK futura.

L-Istati Membri se jiddiskutu l-proposti tal-Kummissjoni li jinsabu fl-Istrateġija għall-Bijodiversità l-ġdida u jadottaw konklużjonijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Se jkollhom ukoll l-opportunità li jiddiskutuhom fid-dettall u jgħidli aktar sinerġiji mal-inizjattivi nazzjonali fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti ddedikat “Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Bijodiversità u għan-Natura”.

c) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tnedi r-reviżjoni tal-metodoloġija tagħha biex tintraċċa l-baġit tal-bijodiversità fil-QFP, inkluż billi tqis il-bidliet tal-PAK li se jintlaħaq qbil dwarhom mill-koleġiżlaturi. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni ma tistax timpenja ruħha f'dak li jirrigwarda r-riżultati ta' din ir-reviżjoni. Il-Kummissjoni taqbel li r-reviżjoni se timmira li tallinja iktar strettament il-metodoloġija tal-Kummissjoni mal-bidliet leġiżlattivi ġodda, filwaqt li għandha titqies u tintuża bħala bażi l-evidenza xjentifika. Din il-metodoloġija tat-traċċar għandha tkun allinjata mill-qrib ma' dik tal-OECD.

Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għal 77 u 78:

Il-kundizzjonalità tipprovdni għodda li torbot il-pagamenti tal-PAK mar-regoli leġiżlattivi tal-UE, partikolarment għall-bijodiversità. Dawn ir-regoli jservu bħala xenarju ta' referenza għal miżuri ta' inċentiva iktar ambizzjużi u sistemi ta' konsulenza jgħinu lill-bdiewa fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli.

Il-pagamenti diretti inkwantu tali mhumiex intiżi biex itejbu l-bijodiversità, ħlief l-elementi ta' ekoloġizzazzjoni tagħhom, imma l-adeżjoni vasta tagħhom mill-bdiewa tippermetti li jkun hemm għarfien dwar ir-regoli ambjentali bis-saħħa tal-kundizzjonalità. Fl-ambitu tal-pagamenti diretti, l-ekoloġizzazzjoni għandha potenzjal sinifikanti biex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-bijodiversità permezz tal-portata wiesgħa tagħha; iżda kien meħtieġ titjib u dan ġie introdott mill-2018 'l hawn. M'hemmx evidenza lil hinn minn dan li l-pagamenti attwali akkoppjati b'mod fakultattiv għandhom effetti negattivi fuq il-bijodiversità.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal PAK futura tiegħu kont tal-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-istrumenti tal-PAK u tinkludi qafas konsistenti u msaħħaħ tal-istrumenti tal-PAK, inkluż kundizzjonalità mtejba, servizzi konsultattivi, ekoskemi għall-miżuri tal-Pilastru I u l-Pilastru II. L-Istati Membri se jkollhom flessibilità wiesgħa biex jimmobilizzaw dawn l-istrumenti favur il-bijodiversità b'mod konsistenti u jintegrawhom fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li se jiġu approvati mill-Kummissjoni.

### **Rakkomandazzjoni 2 – Titjib tal-kontribut tal-pagamenti diretti għall-bijodiversità fl-art agrikola**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-ġabra tal-istrumenti kollha tal-PAK li jaġixxu flimkien f'sinerġija u b'konsistenza, inkluż il-kundizzjonalità, l-ekoskemi, l-interventi skont il-pilastru II, l-interventi fis-suq kif ukoll l-istrumenti trasversali bħal servizzi ta' konsulenza, se jkunu aktar ambizzjużi milli f'dan il-perjodu.

79. Fil-qafas tal-iżvilupp rurali hemm diversi miżuri b'potenzjal notevoli li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-bijodiversità. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-miżuri agroambjentali klimatiċi, il-pagamenti għall-biedja organika u għal Natura 2000, kif ukoll l-appoġġ għall-investimenti mhux produttivi, eż. għall-ħolqien u / jew għar-restawr tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ bħar-ringieli ta' sġajriet, il-ħitan tas-sejjeħ u l-artijiet mistagħdra. It-taħriġ u l-ġhoti ta' pariri għall-azjendi agrikoli għandhom ukoll rwol sinifikanti fil-promozzjoni tal-prattiki u tal-approċċi tal-biedja rilevanti għall-bijodiversità (ara wkoll it-tweġibiet għall-paragrafi minn 62 sa 64).

80. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-koeżistenza ta' tipoloġiji differenti ta' miżuri agroambjentali klimatiċi, li b'mod kumpless jipprovdu beni pubbliċi ambjentali addizzjonali, tiġġenera benefiċċji rilevanti. L-arkitettura ekoloġika ġdida proposta mill-Kummissjoni għall-PAK ta' wara l-2020 tippermetti li l-Istati Membri jwessgħu dan l-approċċ.

Id-disinn tal-impenji agroambjentali klimatiċi jiddependi fuq l-għażliet tal-Istati Membri, skont is-sitwazzjonijiet ambjentali u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Minn dawn il-ħtiġijiet jirriżulta l-fokus fuq tip partikolari ta' użu tal-art, bħall-bur, ir-raba' li jinħadem jew l-għelejjel permanenti. Barra minn hekk, il-miżura agroambjentali klimatika hija biss waħda minn diversi strumenti tal-PAK li jintużaw b'reazzjoni għall-ħtiġijiet ambjentali.

Fil-kuntest ta' din il-miżura, il-Kummissjoni tippromwovi l-approċċ ibbażat fuq ir-riżultati, u l-proposta tagħha għall-PAK wara l-2020 espliċitament thegġegħ l-Istati Membri biex jappoġġaw dan l-approċċ flimkien ma' approċċi innovattivi oħra biex itejbu l-kwalità tal-ambjent.

Madankollu, il-Kummissjoni ma taqbilx li l-iskemi bbażati fuq l-azzjoni huma inqas effettivi. Huma d-disinn u r-rilevanza tal-impenji li jiddeterminaw l-effettività tagħhom biex jindirizzaw l-eżiġenzi ambjentali.

L-approċċi bbażati fuq ir-riżultati m'għandhomx jitqiesu l-uniku metodu għall-ksib tal-oġġettivi ambjentali (ara t-tweġibiet għall-paragrafi minn 65 sa 70).

### **Rakkomandazzjoni 3 – Tiżdied il-kontribuzzjoni tal-iżvilupp rurali għall-bijodiversità tal-art agrikola**

a) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK wara l-2020 (fl-Artikolu 85(3)) diġà tippredvi rata ta' kofinanzjament ogħla (massimu ta' 80 %) f'każ ta' impenji tal-ġestjoni msemmija fl-Artikolu 65 (inkluż il-miżuri agroambjentali klimatiċi), appoġġ għal pagamenti għal Natura 2000 (l-Artikolu 67) u investimenti mhux produttivi (l-Artikolu 68), li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet huma mmirati biex jappoġġaw l-oġġettivi ambjentali.

b) Il-Kummissjoni taççetta din ir-rakkomandazzjoni.

Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel li l-pjanijiet futuri tal-PAK iridu jkunu iktar effiçjenti fil-ksib ta' diversi miri ambjentali u relatati mal-klima, inkluż il-miri tal-bijodiversità, il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid propost jipprovd iktar flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-metodi għall-implimentazzjoni tal-politika u biex jinkisbu l-oġettivi tal-PAK ġdida. Għaldaqstant huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-ġabra tal-istrumenti kollha tal-PAK li jaġixxu flimkien f'sinerġija u konsistenza trid tkun iktar ambizzjuża milli fil-perjodu attwali.

Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistennija jibnu l-pjanijiet tal-PAK tagħhom fuq l-eżiġenzi speçifiçi tagħhom, li se jaffettwaw direttament l-għażliet tal-Istati Membri rigward l-għażla tal-interventi tal-PAK u d-disinn tagħhom. Dawn il-fatturi se jkollhom impatt fuq l-approççi proposti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-interventi agroambjentali klimatiçi bħal pagamenti bbażati fuq l-azzjoni u / jew fuq ir-riżultati, l-orjentazzjoni lejn it-tipi tal-biedja u tal-użu tal-art l-iktar rilevanti kif ukoll il-bilanç bejn it-tipi differenti ta' interventi.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-iskemi, id-disinn tagħhom u l-metodi tal-implimentazzjoni tagħhom ikunu jaqdu l-iskop ġenerali li tiġi ggarantita l-ambizzjoni ambjentali miżjuda tal-pjanijiet futuri tal-PAK, inkluż fir-rigward tal-oġettivi tal-bijodiversità.

81. L-indikatur tal-output imsemmi ma jkejilx il-grad tal-bijodiversità tal-art agrikola imma l-għadd ta' ettari ta' pjanti fil-periklu kif ukoll l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem ta' razez fil-periklu li huma appoġġati bil-PAK. Hemm indikaturi tal-output addizzjonali relatati mal-bijodiversità, li tipikament jirrigwardaw l-erjas b'fokus ekoloġiku u l-appoġġ Natura 2000.

Is-CMEF jipprevedi indikaturi affidabbli inerenti għall-bijodiversità: iż-żewġ indikaturi tar-riżultati dwar is-sehem tal-art agrikola u forestali soġġett għall-impenn ta' protezzjoni tal-bijodiversità jkejlu l-progress tal-Istati Membri lejn il-miri tagħhom f'dak li jirrigwarda l-appoġġ għall-bijodiversità permezz tal-iżvilupp rurali. Barra minn hekk hemm tliet indikaturi tar-riżultati relatati mal-pagamenti diretti: id-diversità tal-għelejjel (R.11), is-sehem tal-EFA f'raba' li jinħadem (R.13), u s-sehem tas-superfiçi li jiġi kkoltivat skont il-prattiki ta' ekoloġizzazzjoni (R.14).

Il-kejl tal-bijodiversità u b'hekk l-għażla tal-indikaturi tal-impatt xierqa mhijiex kompitu ħafif. Għall-PAK futura, it-tagħlimiet meħuda mis-CMEF attwali wasslu lill-Kummissjoni biex telimina l-indikatur HNV. Minkejja l-iżvantaġġi tal-indiçi tal-għasafar f'żoni agrikoli, dan inżamm billi huwa indikatur tajjeb għall-istat tal-bijodiversità u huwa indikatur SDG. Fl-aħħar nett, ġew miżjuda żewġ indikaturi tal-impatt ġodda dwar il-karatteristiçi tal-pajsaġġ u l-istatus tal-ispeçijiet u tal-habitats.

Barra minn hekk, huwa propost li fil-PAK futura r-rapportar dwar il-bijodiversità jinżamm separat (filwaqt li attwalment l-Istati Membri jirrapportaw l-infiq fuq il-Prijorità 4 — il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-protezzjoni tal-bijodiversità — kollu flimkien).

82. Id-dokument attwalment ippubblikat huwa studju kkummissjonat mill-Kummissjoni bħala appoġġ għal evalwazzjoni formali. L-evalwazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni mistennija toħroġ fl-ewwel kwart tal-2021, bħala parti minn dokument ta' ħidma tal-persunal li fih evalwazzjoni usa' tal-impatt tal-PAK fuq ir-riżorsi naturali.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-istudju estern insostenn tal-evalwazzjoni kkonkluda wkoll li l-Istati Membri setgħu użaw firxa usa' ta' strumenti u miżuri tal-PAK biex jappoġġaw il-koeżistenza tal-agrikoltura mal-bijodiversità.

#### **Rakkomandazzjoni 4 – Jintwera l-impatt tal-miżuri tal-PAK fuq il-bijodiversità tal-art agrikola**

Il-Kummissjoni taççetta din ir-rakkomandazzjoni.

Sabiex jiġi stabbilit ix-xenarju ta' referenza tal-2020 għall-PAK ta' wara l-2020 se jintużaw l-indikaturi inklużi fil-proposta legali attwali (C.35 - I.18 Indiçi tal-għasafar f'żoni agrikoli, C.36 - I.19 Il-perçentwali ta' speçijiet u habitats ta' interess Komunitarju marbuta mal-agrikoltura b'xejra stabbli

jew pożittiva, C.21 - I.20 Art agrikola koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ). L-aħħar tnejn huma ġodda u bħalissa qed jiġu żviluppati. Ix-xenarju ta' referenza effettiv għal kull indikatur se jiddependi fuq id-dati li fihom tkun disponibbli d-*data* speċifika meħtieġa għal kull indikatur.

Servizzi differenti tal-Kummissjoni u korpi oħra bħalissa qed jaħdmu fuq il-monitoraġġ tal-bijodiversità u l-indikaturi korrispondenti. Ir-riċerka ffinanzjata mill-UE x'aktarx ukoll tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' indikaturi robusti billi tappoġġa inizjattivi ta' monitoraġġ tal-bijodiversità.